# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 520/2015/VG**

**Paul Anthony Bonnici Limited [C-51818]**

**Vs**

**Joseph Mizzi f'ismu proprju u ghas-socjeta Chef Choice Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-2 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' disa mija erbgha u disghin euro u erbgha u sebghin centezmi ta' euro [€994.74c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut proprio et nomine jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €994.74 (disgha mija u erbgha u disghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu), bilanc minn somma akbar, prezz ta' prodotti tal-ikel, lilu mibjugha u kkonsejati fuq inkarigu tieghu.
>
> Bl-ispejjez inluz dawk tal-ittra ufficjali Artikolu 166A Numru 629/15 tat-30 t'April, 2015, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-2 ta' Frar, 2014 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom imressqa fis-16 ta' Settembru, 2015 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "1. Illi preliminarjament Joseph Mizzi f'ismu proprju ma huwiex il-legittimu kontradittur stante li kwalsiasi ftehim kummercjali sar bejn l-attur u s-socjeta Chef's Choice Ltd;
>
> 2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti jirrispingu t-talba tal-attur bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti ma humiex debituri tal-attur u l-ebda ammont ma huwa dovut lill-konvenut;
>
> 3. Bl-ispejjez, inkluz dawk tar-risposta pprezentata fil-15 ta' Mejju 2015 in atti tal-ittra ufficjali Rif. Nru. 629/15"

Ra l-**kontro-talba tal-intimati** u li permezz taghha huma talbu il-hlas tad-danni u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Hlas ta' danni inkluz dawk tal-kirja relattiva ghall-hazna ta' prodotti tal-ikel li baqghu ma gewx migbura mill-attur sa minn Dicembru 2013;
>
> Bl-ispejjez, inkluz dawk tar-rapprezentanza legali, u tar-risposta pprezentata mill-konvenuti fil-15 ta' Mejju 2015 in atti tal-ittra ufficjali Rif. Nru. 629/15"

Ra l-verbal datat 24 ta' Settembru, 2015 fejn Dr. Ramon Rossignaud ghas-socjeta rikorrenti ta ruhhu b'notifikat bil-kontro-talba tal-intimati u ddikjara li l-pretensjonijiet taghhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Semgha x-xhieda ta' David Aquilina, direttur tas-socjeta rikorrenti.

Ra li l-Avukat Dott. Ramon Rossignaud iddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimati tas-somma ta' disa mija erbgha u disghin euro u erbgha u sebghin centezmi ta' euro [€994.74c] bilanc minn somma akbar, prezz ta' prodotti tal-ikel, lilu mibjugha u kkonsejati fuq inkarigu tieghu. L-intimati laqghu ghal din it-Talba billi qalu li Joseph Mizzi f'ismu proprju ma huwiex il-legittimu kontradittur stante li kwalsiasi ftehim kummercjali sar bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta Chef's Choice Ltd. Komplew ighidu li huma qed jirrispingu t-talba tas-socjeta rikorrenti bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li huma ma humiex debituri taghha u l-ebda ammont ma huwa dovut minnhom.

2. L-intimati resqu kontro-talba fejn talbu li jithallsu danni inkluz dawk tal-kirja relattiva ghall-hazna ta' prodotti tal-ikel li baqghu ma gewx migbura mis-socjeta rikorrenti sa minn Dicembru 2013. Is-socjeta rikorrenti, tramite d-difensur taghha laqghet ghal din il-kontro-talba billi qalet li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

   Ikkunsidra;

3. David Aquilina, direttur tas-socjeta rikorrenti, kkonferma bil-gurament tieghu llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimati. Qal ukoll li n-negozju sar kemm ma' l-intimat kif ukoll mas-socjeta intimata u li huma kkonsenjaw prodotti ta' l-ikel lilhom. Mistoqsi mit-tribunal jekk il-konsenja kienitx *on consignment* huwa wiegeb fin-negattiv.

   Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, la l-intimati u lanqas id-difensur taghhom baqghu ma dehru ghas-seduta tal-lum minkejja li gew m'ghajta diversi drabi u minkejja li kienu msejha, skond ma jirrizulta mit-Talba ghas-subizzjoni.

8. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

9. Ghar-rigward tal-kontro-talba, fin-nuqqas ta' provi, u in vista tal-fatt li David Aquilina xehed li l-prodotti mibjugha mis-socjeta minnu rapprezentata ma kienux *on consignment*, din sejra tigi michuda.

10. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimati.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1. Jichad il-kontro-talba mressqa mill-intimati;
2. Jichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat Joseph Mizzi billi jiddikjara li huwa tharrek tajjeb ghal din il-kawza;
3. Jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimati;
4. Jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' disa mija erbgha u disghin euro u erbgha u sebghin centezmi ta' euro [€994.74c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimati.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**